DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/364

tal-5 ta' Marzu 2015

li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK [1],

(2) Fid-29 ta' Jannar 2015, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/143 [2] iċċarat il-kriterji ta' dażinjazzjoni għall-iffriżar ta' fondi mmirati lejn persuni responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukrajna.

(3) Il-miżuri restrittivi stipulati fid-Deċiżjoni 2014/119/PESK japplikaw sas-6 ta' Marzu 2015. Abbażi ta' reviżjoni ta' dik id-Deċiżjoni, l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri restrittivi għandha tiġi estiża sas-6 ta' Marzu 2016 fir-rigward ta' erbatax-il persuna, u sas-6 ta' Ġunju 2015 għal erba' persuni. L-entrati għal 18-il persuna għandhom jiġu emendati.

(4) Id-Deċiżjoni 2014/119/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/119/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-6 ta' Marzu 2016. Il-miżuri fl-Artikolu 1 għandhom japplikaw fir-rigward tal-entrati Nru 4, 8, 10 u 13 fl-Anness sas-6 ta' Ġunju 2015.

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Għandha tiġi mġedda, jew emendata skont kif ikun xieraq, jekk il-Kunsill iqis li dawk l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

(2) L-Anness huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

D. REIZNIECE-OZOLA

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, 6.3.2014, p. 26).

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/143 tad-29 ta' Jannar 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 24, 30.1.2015, p. 16).

ANNESS

"ANNESS

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 1

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Viktor Fedorovych Yanukovych (Віктор Федорович Янукович), Viktor Fedorovich Yanukovich (Виктор Фёдорович Янукович)	imwieled fid-9 ta' Lulju 1950 f'Yenakiieve (Donetsk oblast), eks President tal-Ukrajna	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi.	6.3.2014
2.	Vitalii Yuriyovych Zakharchenko (Віталій Юрійович Захарченко), Vitaliy Yurievich Zakharchenko (Виталий Юрьевич Захарченко)	imwieled fl-20 ta' Jannar 1963, f'Kostiantynivka (Donetsk oblast) eks Ministru għall-Affarijiet Interni	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi.	6.3.2014
3.	Viktor Pavlovych Pshonka (Віктор Павлович Пшонка)	imwieled fis-6 ta' Frar 1954 f'Serhiyivka (Donetsk oblast), eks Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi.	6.3.2014
4.	Olena Leonidivna Lukash (Олена Леонідівна Лукаш), Elena Leonidovna Lukash (Елена Леонидовна Лукаш)	imwielda fit-12 ta' Novembru 1976 f'Rîbnița (il-Moldova), eks Ministru għall-Ġustizzja	Persuna soġġetta għal investigazzjonijiet mill-awtoritajiet Ukreni għall-abbuż tal-uffiċċju bħala persuna b'kariga pubblika sabiex takkwista vantaġġ mhux ġustifikat għaliha nnifisha jew għal terza parti u li b'hekk ikkawżat telf ta' fondi pubbliċi Ukreni.	6.3.2014
5.	Andrii Petrovych Kliuiev (Андрій Петрович Клюєв), Andriy Petrovych Klyuyev	imwieled fit-12 ta' Awwissu 1964 f'Donetsk, eks-Kap tal-Amministrazzjoni tal-President tal-Ukrajna	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi u b'rabta mal-abbuż tal-uffiċċju minn uffiċjal b'kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għalih innifsu jew għal terza parti, u b'hekk ikkawża telf għall-baġit jew l-assi pubbliċi Ukreni.	6.3.2014
6.	Viktor Ivanovych Ratushniak (Віктор Іванович Ратушняк)	imwieled fis-16 ta' Ottubru 1959, eks Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi u għal kompliċità b'rabta ma' dan	6.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
7.	Oleksandr Viktorovych Yanukovych (Олександр Вікторович Янукович)	imwieled fl-10 ta' Lulju 1973 f'Yenakiieve (Donetsk oblast), iben l-eks President, negozjant	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi.	6.3.2014
8.	Viktor Viktorovych Yanukovych (Віктор Вікторович Янукович)	imwieled fis-16 ta' Lulju 1981 f'Yenakiieve (Donetsk oblast), iben l-eks President, Membru tal-Verkhovna Rada tal-Ukrajna	Persuna soġġetta għal investigazzjonijiet mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi. Persuna assoċjata ma' persuna identifikata (l-eks President tal-Ukrajna, Viktor Fedorovych Yanukovyich) soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi.	6.3.2014
9.	Artem Viktorovych Pshonka (Артем Вікторович Пшонка)	imwieled fid-19 ta' Marzu 1976 f'Kramatorsk (Donetsk oblast), iben l-eks Prosekutur Ġenerali, Viċi Kap tal-fazzjoni tal-Partit tar-Reġjuni fil-Verkhovna Rada tal-Ukrajna	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi u għal kompliċità b'rabta ma' dan.	6.3.2014
10.	Serhii Petrovych Kliuiev (Сергій Петрович Клюєв), Serhiy Petrovych Klyuyev	imwieled fid-19 ta' Awwissu 1969 f'Donetsk, ħu s-Sur Andrii Kliuiev, negozjant	Persuna soġġetta għal investigazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni għal involviment fil-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi u fl-abbuż tal-uffiċċju pubbliku bħala persuna b'kariga pubblika sabiex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għalih innifsu jew għal terza parti u li b'hekk ikkawża telf ta' fondi jew assi pubbliċi Ukreni. Persuna assoċjata ma' persuna identifikata (Andrii Petrovych Kliuiev) soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi	6.3.2014
11.	Mykola Yanovych Azarov (Микола Янович Азаров), Nikolai Yanovich Azarov (Николай Янович Азаров)	imwieled fis-17 ta' Diċembru 1947 f' Kaluga (ir-Russja), Prim Ministru tal-Ukrajna sa Jannar 2014	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi.	6.3.2014
12.	Serhiy Vitaliyovych Kurchenko (Сергій Віталійович Курченко)	imwieled fil-21 ta' Settembru 1985 f' Kharkiv, negozjant	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi.	6.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
13.	Dmytro Volodymyrovych Tabachnyk (Дмитро Володимирович Табачник)	imwieled fit-28 ta' Novembru 1963 fi Kiev, eks Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xjenza	Persuna soġġetta għal investigazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni għall-abbuż tal-uffiċċju bħala persuna b'kariga pubblika sabiex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għalih innifsu jew għal terza parti u li b'hekk ikkawża telf ta' fondi jew assi pubbliċi Ukreni.	6.3.2014
14.	Raisa Vasylivna Bohatyriova (Раїса Василівна Богатирьова), Raisa Vasilievna Bogatyreva (Раиса Васильевна Богатырёва)	imwielda fis-6 ta' Jannar 1953 f'Bakal (Chelyabinsk oblast, ir-Russja), eks Ministru għas-Saħħa	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi	6.3.2014
15.	Serhiy Hennadiyovych Arbuzov (Сергій Геннадійович Арбузов), Sergei Gennadievich Arbuzov (Сергей Геннадиевич Арбузов)	imwieled fl-24 ta' Marzu 1976 f'Donetsk, eks Prim Ministru tal-Ukrajna	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi.	15.4.2014
16.	Yuriy Volodymyrovych Ivanyushchenko (Юрій Володимирович Іванющенко)	imwieled fil-21 ta' Frar 1959 f'Yenakiieve (Donetsk oblast), Membru Parlamentari tal-Partit tar-Reġjuni	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi	15.4.2014
17.	Oleksandr Viktorovych Klymenko (Олександр Вікторович Клименко)	imwieled fis-16 ta' Novembru 1980 f'Makiivka (Donetsk oblast), eks Ministru għad-Dħul u l-Ħlasijiet	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi u għall-abbuż tal-uffiċċju bħala persuna b'kariga pubblika sabiex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għalih innifsu jew għal terza parti u li b'hekk ikkawża telf ta' fondi jew assi pubbliċi Ukreni.	15.4.2014
18.	Edward Stavytskyi, Eduard Anatoliyovych Stavytsky (Едуард Анатолійович Ставицький)	imwieled fl-4 ta' Ottubru 1972 f' Lebedyn (Sumy oblast), eks Ministru għall-Karburanti u l-Enerġija tal-Ukrajna Irrappurtat li hu residenti f'Iżrael. Madankollu, għadu fil-pussess taċ-ċittadinanza Ukrajna tiegħu	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi.	15.4.2014"